

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Diċembru 2019

li taħtar membru tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika

(2019/C 428/05)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tagħha,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2017 <sup>(2)</sup>, il-Kunsill ħatar tliet membri tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (il-"Bord") għal mandat ta' tliet snin mill-1 ta' Frar 2018.
- (2) Wieħed mit-tliet membri tal-Bord maħtur mill-Kunsill, is-Sur Jaume GARCIA, irriżenja qabel it-tmiem tal-mandat tiegħu.
- (3) Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatar membru ġdid tal-Bord.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE, il-membri tal-Bord għandhom jintgħażlu minn fost esperti li għandhom kompetenza eċċellenti fil-qasam tal-istatistika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Priit POTISEPP huwa b'dan maħtur bħala membru li jirrappreżenta lill-Kunsill fil-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika għal mandat ta' tliet snin.

<sup>(1)</sup> ĠU L 73, 15.3.2008, p. 17.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2017 li taħtar tliet membri tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ĠU C 439, 20.12.2017, p. 5).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. MIKKONEN

---